# San Irinew ta' Lyon

minn Matthew Sammut



San Irinew twieled fl-ewwel nofs tat-Tieni Seklu W.K., x'aktarx li bejn is-sena 130 u l-142. Jingħad li hu kien twieled fil-belt ta' Smyrna fil-Turkija, illum magħrufa bhala l-belt ta' Izmir. Irinew twieled u trabba ġo familja mill-aktar Kristjana.

San Irinew kien Isqof ta` Lugdunum fil-Gaul u li kienet tifforma parti mill-Imperu Ruman. Din il-belt illum hi magħrufa bħala Lyon u tinsab ġewwa Franza. F`żgħożitu San Irinew kien iltaqa` mal-Isqof Polikarpu, li kien dixxiplu kbir ta` San Ġwann l-Evanġelista. Barra minn hekk hu ltaqa` ukoll ma' kristjani oħra li kienu f'kuntatt dirett mal-appostli. San Irinew stabbilixxa t-twemmin u l-istudju dwar il-Vergni Marija, fosthom fl-irwol tagħha fl-inkarnazzjoni. Hu kien wieħed mill-ewwel qassisin tal-Knisja Kattolika.



Fis-sena 177 W.K. waqt il-persekuzzjoni tal-insara mill-Imperatur Ruman Marku Awrelju, Irinew li kien il-qassis tal-komunita` tal-belt ta' Lugdunum, kien mibgħut Ruma biex ikun viċin il-Papa Eleutherius ħalli ma jiġix ippersegwitat. Fiż-żmien li għamel Ruma, ġewwa Lugdunum kienu saru massakri kbar u dan wassal sabiex anki l-Isqof ta' dik il-belt kien ingħata l-martirju. U miegħu anki ħafna qassisin li kienu jgħixu f'dik il-komunita`.



Wara tliet snin f'Ruma, hu rritorna ġewwa Lugdunum u hemm hu kien maħtur Isqof. Kien hawnhekk illi bejn il-ħajja pastorali u dik missjunarja hu kien kiteb l-'Adversus Haereses', kitbiet li kienu kontra l-ereżijiet li kienu qed ifixklu t-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Dawn l-ereżijiet kienu forma ta' tagħlim ġdid li kien qed jinfirex ġmielu ġewwa Lugdunum, fosthom illi permezz tal-affarijiet materjali, il-bniedem seta` jasal biex jikseb il-ħajja ta' dejjem. Irinew mill-ewwel ħadha kontra dan u permezz tal-kitbiet tiegħu fisser illi l-bniedem qatt ma seta` jakkwista l-ħajja ta' dejjem permezz tal-affarijiet materjali, iżda dan seta` jseħħ biss billi l-bniedem jdur lejn Alla. Dwar dan hu kiteb erba` kotba u f'dak iż-żmien hu kien irnexxielu jegħleb it-

*ikompli f'paġna 91*

tagħlim ħażin li kien qed jinxtered. San Irinew kiteb ukoll dwar l-iskrittura tal-erba` Evangelisti u aċċerta li dawn il-kitbiet kienu veri u li kienu miktuba bil-qawwa divina t'Alla.



San Irinew kien l-ewwel kittieb li tkellem u kiteb dwar il-Madonna. Fil-kitbiet tiegħu, Irinew ħoloq sitwazzjoni ġdida fuq it-tagħlim dwar il-Vergni Marija. Irinew kien qal illi għalhekk Eva kellha raġel u kienet verġni xorta waħda waqgħet fid-dnub u li magħha kaxkret ir-razza umana fid-dlamijiet ta' dejjem. Madankollu għalkemm Marija kellha raġel ukoll, hi xorta waħda għażlet li tobdi 'l Alla u li ma taqax fid-dnub. B'hekk Marija saret punt ta' salvazzjoni għaliha u għall-bnedmin kollha. It-tifsira ta' dan kollu kienet illi l-Iben t'Alla kellu jiġi mnissel b'mod totalment differenti u b'hekk kellu jiġi megħlub id-dnub tan-nisel. Kienet mara li tefgħet lill-bniedem fid-dlamijiet, iżda kienet u kellha tkun mara oħra li ssalva lill-umanita` billi twelled l-iben t'Alla biex isalva lill-bnedmin mill-jasal ta' dejjem. Wara ħafna snin, permezz ta' dawn il-kitbiet kien imnebbaħ anki San Ambrosju, Isqof ta` Milan sabiex kiteb dwar it-twelid tal-Verġni Marija.

Mhux magħruf meta San Irinew miet, izda x'aktarx li kien fis-sena 202 W.K. Hu kien midfun fil-kripta ta' taħt l-altar tal-knisja ddedikata għal San Ġwann, ġewwa l-belt ta' Lyon. Aktar tard din il-knisja ssemmiet għal San Irinew. Iżda ġara li fl-1562 il-knisja u l-kripta ġew meqruda u sfortunatament il-fdalijiet tiegħu nqerdu għal kollox, matul ir-Riforma tal-Protestani fl-1562.



San Irinew hu rikonoxxut bħala qaddis mill-Knisja Ortodossa tal-Lvant, il-Knisja Kattolika Rumana, u l-Knisja Episkopali. Il-festa tiegħu qed tkun iċċelebrata ta' kull sena nhar it-28 ta` Ġunju. Hu kien imdaħħal fil-kalendarju tal-qaddisin għall-ewwel darba fis-sena 1920. Fl-1960, il-jum tal-festa tiegħu kien tmexxa għat-3 ta` Lulju u dan biex ma jaħbatx ma' lejlet il-festa ta` San Pietru u San Pawl, iżda fl-1969 il-ġurnata tiegħu reġgħet tmexxiet għat-28 ta` Ġunju, il-jum tal-mewt tiegħu.